# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

Appell numru 136/2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Robert GALEA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Marzu 2017 fil-konfront ta' Robert GALEA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 229581M) fejn ġie mixli talli:

> Nhar id-19 ta' Diċembru 2013, għall-ħabta ta' bejn 12pm u s-siegħa minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Kenneth Hardware Stores, li jinsab ġewwa Triq Castaldi, Żabbar ikkommetta serq ta' driller li l-valur tiegħu jeċċedi l-Ewro 232.94 għad-dannu ta' Kenneth Pullicino u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;
>
> Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mgħotija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant Robert GALEA ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif dedotti kontrih stante l-ammissjoni tiegħu u wara li rat l-Artikoli 49 u 50 u l-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal seba' xhur priġunerija. Il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Ħabs sabiex jagħti kull faċilita' medika u psikoloġika lill-imputat sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u sabiex jingħata d-dritt li jagħmel programm appożitu.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi GALEA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħoġobha tikkonferma s-sentenza appellata għal dik li hi sejbien ta' ħtija iżda tirriformaha in kwantu għall-piena u dana billi tagħti piena aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet eċċessiva u dan għaliex ma ngħatatx d-debita konsiderazzjoni
   (i) għax-xhieda mogħtija mill-probation officer li qed isegwi lill-appellanti;
   (ii) għall-fatt li l-appellant ilu għal diversi snin ibgħati mill-vizzju tad-droga;
   (iii) għall-fatt li l-atti in mertu ġraw fis-sen 2013 u għalhekk diversi snin ilu.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi nhar id-19 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar irraporta ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar Duncan Azzopardi bħala rappreżentant ta' Kenneth Hardware Stores fejn huwa stqarr li persuna mhux magħrufa kien għadu kif daħal fil-ħanut tiegħu u ipprova jisraq driller. Il-kwerelant stqarr mal-Pulizija li din il-persuna mhux l-ewwel darba li daħal fil-ħanut tiegħu sabiex jixtri mingħandu iżda dakinhar għall-ħabta tan-12.30 kien innota li kif niżel mis-sular ta' fuq tal-istess ħanut, kellu l-ġakketta f'idu b'mod li kien qisu qiegħed jaħbi xi ħaġa. Duncan Azzopardi qal li lil din il-persuna maskili qalilha sabiex tieqaf u filwaqt li telaq jiġri, rah jarmi driller mal-art.

5. Illi l-kwerelant irraporta wkoll li kien hemm persuna li qaltlu li rat li din il-persuna maskili taħrab minn fuq il-post b'mutur bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni LCG – 374. Il-Pulizija sussegwentement ġabru u analizzaw il-kameras tas-sigurta' tal-post li ġie ndikat mill-kwerelant u minn investigazzjonijiet ulterjuri illi saru irriżulta li dik il-persuna maskili li ippruvat tisraq driller tal-għamla DEMOLITION HAMMER b'valur ta' Ewro 344.75 kienet Robert GALEA. Il-kwerelant Duncan Azzopardi għaraf ukoll lil Robert GALEA bħala dik il-persuna li huwa kien ra ħierġa mill-ħanut tiegħu qabel telqet tiġri u remiet id-driller mal-art kif intqal. Illi nhar l-14 ta' Jannar 2014 l-Ispettur Robert Said Sarreo ħa stqarrija bil-miktub lill-appellant GALEA b'rabta mar-rapport li kien sar mill-kweralant Azzopardi għal liema mistoqsijiet l-appellant għażel illi jwieġeb.

6. Illi mbagħad kien nhar id-9 ta' Marzu 2015 li l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli bir-reat ta' serq aggravat bil-kwalifika tal-valur u bir-reċediva u fuq ammissjoni, ġie misjub ħati u kkundannat għal seba' xhur priġunerija effettiva.

7. Illi l-appellant appella minn din is-sentenza fejn fil-mori tal-appell quddiem din il-Qorti iżda diversament ippreseduta nhar il-11 ta' Marzu 2019 ressaq talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħa f'Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet miċħuda nhar l-14 ta' Marzu 2019.

8. Imbagħad, skont deċiżjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali, din l-istess kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u t-talba tal-appellant magħmula ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet ikkunsiderata mill-ġdid.

9. Għal dan il-għan instemgħu x-xhieda l-Uffiċjal tal-Probation Rhona Agius Custo, Shirley Borg bħala assistenta psikologa ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Moses Camilleri bħala tabib li kien jaħdem fi ħdan l-Aġenzija Sedqa fiż-żmien meta l-appellant GALEA kien għamel talba sabiex jirċievi servizzi b'rabta mal-vizzju tad-droga, Correctional Officer CO 16 David Mellors u r-rappreżentant tal-CARITAS Noel Cassar.

10. Fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Frar 2021, din il-Qorti, qieset li ma kien hemm l-ebda impediment fis-sens tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu

537 tal-Liġijiet ta’ Malta, li r-reat li tiegħu ġie mixli ma jaqbiżx is-seba’ snin priġunerija u li kien ġie ampjament ippruvat a sodisfazzjon ta’ din il-Qorti mix-xhieda prodotta li r-reat li bih ġie mixli l-appellant kien sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata tiegħu kif ukoll li kien hemm raġunijiet objettivi li jindikaw li l-appellant GALEA għamel progress u sforz sostanzjali biex jinħeles mid-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Biex b’hekk laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti ruħa f’Qorti dwar id-Droga u tirreferi lill-appellant lil Bord ta’ Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta.

11. F’dan ir-rigward jirriżulta mbagħad li l-Bord ta’ Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga rraporta lura b’mod pożittiv fuq l-andament tal-care plan program li kien qiegħed isegwi l-appellant u dan b’referenza għal żewġ noti, ‘il waħda datata 8 ta’ Novembru 2022 u l-oħra nhar l-4 ta’ Jannar 2023 b’rabta mal-kawżi numru 136/2017, 449/2012/1 u 200/18.

**Ikkunsidrat**

12. Illi jirriżulta kif ingħad aktar ‘il fuq f’din is-sentenza li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga rraporta lura lil din il-Qorti kif il-proċess ta’ riabiltazzjoni ta’ GALEA kien wieħed pożittiv. Din il-Qorti rat ukoll li skont dak li xehdu l-Uffiċjal tal-Probation Rhona Agius Custo daqskemm ukoll il-psikologa Shirley Borg, l-appellant kien ilu hekk afflitt mill-vizzju tad-droga sa mill-eta’ ta’ sbatax – il sena u l-problema tiegħu tad-droga kienet tirrifletti anki fil-ħajja tiegħu tant li kienet din l-istess dipendenza tiegħu fuq id-droga erojina u kokajina li wasslet sabiex ixellef difrejh mal-ġustizzja u ġie kkundannat diversi sentenzi ta’ priġunerija effettiva mill-Qrati tagħna. Għaldaqstant jista’ jitqies li ġie sodisfaċentement ippruvat tal-inqas fuq bażi ta’ probabilitajiet li r-reati li tagħhom ġie mixli bihom f’dawn il-proċeduri u li minħabba fihom ġie rreferut lill-Bord, kienu sostanzjalment attriwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

13. Dan ikun ifisser li l-appellant GALEA jikkwalifika għall-applikazzjoni tas-subinċiżi (7) u (8) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta. Skont is-subinċiż (7) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija għar-reati lilu addebitati, jew f’dan l-istadju, f’każ fejn din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni ta’ sejbien ta’ ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hija tkun tista’ ma timponix il-piena mandatorja ta’ ħabs effettiv u minflok timponi piena

alternattiva taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jew piena karċerarja b'effetti sospiżi ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. Għalkemm l-appellant GALEA ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, huwa xorta waħda ma rrinunzjax għar-rikors ta' appell tiegħu. Madanakollu, l-uniku aggravju mqajjem mill-appellant huwa dak konċernanti l-piena ta' seba' xhur priġunerija effettiva nflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu f'dak li jirrigwarda l-mertu tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu huwa rreġistra ammissjoni u jilmenta li l-piena inflitta kienet eċċessiva u li fiċ-ċirkostanzi ma kienetx sejra tgħin ir-riabilitazzjoni tal-appellant mill-vizzju tad-droga u anzi kienet sejra tkun ta' ostakolu għall-pjan ta' reintegrazzjoni tal-appellant fis-soċjeta'.

15. Jirriżulta li sal-aħħar informazzjoni mogħtija lil din il-Qorti, l-appellant kien qiegħed isegwi b'suċċess il-'care plan' li ġie imfassal għalih mill-Bord ta' Riabiltazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga għal dan l-iskop. Fid-dawl tar-rakkomondazzjonijiet tal-Bord kif ingħad, dan l-uniku aggravju tal-appellant konċernanti l-piena inflitta jistħoqqlu li jintlaqa'. Ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu, din il-Qorti mhix sejra tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija hekk kif lanqas sejra teskludi l-applikazzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija jew tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation liema esklużjoni kienet altrimenti mhix permessa mil-Liġi stess ai termini tal-Artikolu 28A(7) tal-Kodiċi Kriminali.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi wara li rat l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-imputat appellant u dan stante l-ammissjoni tiegħu magħmula skont il-Liġi filwaqt tħassarha f'dik il-parti konċernanti l-piena u minflok il-piena ta' seba' xhur priġunerija effettivi tikkundannah għall-perjodu ta' seba' xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħdin jiġu sospiżi għall-perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti wkoll qiegħda twissi lill-**

**appellant bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi dawn ir-reati m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta.**

Aaron M. Bugeja
Imħallef